MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 990/2011

**Joseph Bonnici**
**[ID. Nru. 508649M]**

**vs**

**Josef Zammit**
**[ID. Nru. 20082M]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta’ elf disa mija wiehed u tletin euro (€1931) u dan wara li ppremetta li:

“Josef Zammit karta ta’ identita numru 20082M kellu mikri ghandu l-bar tac-Centru Laburista ta’ 216, Triq il-kbira, Haz-Zabbar u ghandu jaghti lill-Kumitat ta’ l-istess centru s-somma ta’ elf disa mija u tletin ewro (€1931) bhala hlas ghall-kontijiet tad-dawl u ilma.

Illi minkejja li Josef Zammit karta ta’ identita numru 20082M kien interpellat b’ittra legali fit-28 ta’ Gunju 2011, b’ittra legali ohra fit-28 ta’ Awissu 2011 kif ukoll b’ittra ufficjali fit-23 ta’ Settembru, 2011 huwa baqa inadempjenti.

Ghaldaqstant, Joseph Bonnici karta ta’ identita numru 508649M bhala Segretarju u Mario Rodo karta ta’ identita numru 206957M bhala Segretarju Finanzjarju tac-Centru Laburista ta’ 216, Triq il-Kbira, Haz-Zabbar qed jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal jiddeciedi u jikkundanna lil Josef Zammit karta ta’ identita numru 20082M ihallas is-somma ta’ elf disa mija wiehed u tletin euro (€1931) bhala hlas ghall-kontijiet tad-dawl u ilma il-hlas taz-zewg ittri legali tat-28 ta’ Gunju 2011 u tat-28 ta’ Awissu, 2011, ta’ l-ittra ufficjali tat-23 ta’ Settembru, 2011, tal-proceduri prezenti kif ukoll l-imghax legali sakemm effettivament isir il-hlas kollu”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna nhar id-19 ta’ Jannar, 2012, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal nhar l-24 ta’ Frar, 2012, nhar is-27 ta’ Frar, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-attur nhar is-27 ta’ Frar, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih illum, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra li ukoll fis-seduta tas-27 ta’ Frar, 2012 xehed l-attur li qal li huwa s-segretarju tac-Centru Laburista ta’ Haz-Zabbar. Huwa qal li l-konvenut kien jigestixxi l-bar fl-imsemmi kazin. Izid ighid li meta l-konvenut spicca mill-gestjoni tal-Bar u cioe f’Dicembru, 2010 huwa halla warajh kontijiet tad-dawl fl-ammont ta’ elf disa mija wiehed u tletin euro (€1,931). Dan ix-xhud esebixxa ukoll dokument li gie mmarkat bhala Dok. JB 1 li huwa rendikont ta’ kif intlahaq dan l-ammont. Gew esebiti ukoll tlett kontijiet mahruga mis-socjeta ARMS fir-rigward tal-konsum tad-dawl u ilma tal-kazin tal-Partit Laburista. Dan ix-xhud finalment jghid li l-ftehim mal-konvenut kien li huwa jhallas tmenin fil-mija

(80%) tal-kont tad-dawl u ilma, filwaqt li l-kazin kellu jhallas ir-rimanenti ghoxrin fil-mija (20%).

Fl-imsemmija seduta tas-27 ta' Frar, 2012 xehed ukoll Mario Rodo li huwa l-kaxxier tal-kazin tal-Partit Laburista gewwa Haz-Zabbar. Huwa stqarr li d-dokument esebit minn Joseph Bonnici u li gie mmarkat mit-Tribunal bhala dokument JB 1 kien hejjieh hu u dan wara li ha konjizzjoni tat-tlett invoices mahrugin mis-socjeta ARMS Ltd. Dan ix-xhud esebixxa ukoll ftehim li sar mal-konvenut fit-2 ta' Mejju, 2011. Skond dan il-ftehim kien gie miftiehem li l-konvenut kellu jhallas is-somma ta' €1,931 lill-kumitat tal-kazin Laburista ta' Haz-Zabbar u dan ghal konsum tad-dawl u l-ilma bejn it-30 ta' Ottubru, 2009 u t-12 ta' Dicembru, 2010. Il-hlasijiet kellhom jibdew mill-ahhar ta' Mejju, 2011 u jsiru f'pagamenti mensili ta' mitt euro (€100). Ix-xhud stqarr ukoll li l-konvenut qatt ma onora dan il-ftehim u qatt ma ghamel pagament. Ghalhekk huwa dovut l-ammont shih.

Ghar-rigward tal-kapitolu, inghad li "*meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-kontumacja, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, imma dan ma jfissirx li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni*[1]" u "*is-subizzjoni, osservat il-Qorti, hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod li jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidhrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra*[2]".

Issa fil-kaz odjern, it-Tribunal huwa sodisfatt li mill-provi prodotti, ghandu jirrizulta bic-car li l-konvenut ghandu jaghti lill-attur is-somma reklamata ta' €1,931 u dan ghal konsum tad-dawl u ilma fil-kazin tal-Partit Laburista

[1] Trapani vs Cilia deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' April, 2000 ccitata fil-kawza fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Joseph Balzan et deciza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju, 2003 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia;

[2] Ibid.

gewwa Haz-Zabbar u dan ghal perjodu 30 ta’ Ottubru, 2009 u t-12 ta’ Dicembru, 2010. It-Tribunal qieghed jiehu in konsiderazzjoni ukoll il-kapitolu pprezentat mill-attur fis-seduta tas-27 ta’ Frar, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illumsabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf disa’ mija wiehed u tletin euro (€1,931), bl-imghax mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

Avukat Dr. Vincent Galea
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------